# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-11 ta' Marzu 2024**

**Talba nru. 360/2021 IS**

**JOSEPHINE CREEK GRIXTI (I.D. 240851 (M))**

*VERSUS*

**FRANS CAMILLERI (I.D. 472061 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2021 (a fol 1 et seq), l-attriċi talbet l-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5000.00) rappreżentanti danni ta' xogħolijiet eżegwiti mill-konvenut fuq inkarigu tal-attriċi, u liema xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti, kif ukoll l-imgħax u l-ispejjeż ġudizzjarji.

Ra illi fl-24 ta' Frar 2022, il-konvenut ġie debitament notifikat (a fol. 8).

Ra illi l-konvenut ippreżenta ir-risposta tiegħu fil-5 ta' April 2022 (a fol. 8 u 9).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdet l-attriċi.

Ra illi fis-27 ta' Settembru 2022, l-attriċi għalqet il-provi (a fol. 53).

Ra illi wara li l-attriċi għalqet il-provi, l-attriċi ippreżentat l-affidavit ta' Gazwan Abdin ġuramentat, b'dan illi l-konvenut oppona għal tali preżentazzjoni tal-affidavit iżda t-Tribunal sema' lill-partijiet u kkonkluda illi tali preżentazzjoni tal-affidavit ma hi se twassal għal ebda danni hekk li jistgħu jkunu sofferti mill-konvenut f'dak l-istadju, u dan skond il-verbal datat 15 ta' Novembru 2022 (a fol. 59 u 60).

Ra illi l-konvenut kellu ċ-ċans sabiex jippreżenta l-affidavit tal-konvenut fi żmien xahar mis-27 ta' Settembru 2022 (a fol. 53) u imbagħad reġa' ingħata tali ċans mit-12 ta' Jannar 2023 (a fol. 71) u b'dan illi baqa' qatt ma ppreżentax tali affidavit u b'dan illi għaldaqstant, it-Tribunal għalaq il-provi tal-konvenut fis-26 ta' Settembru 2023 (a fol. 76).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Il-kontumaċja tal-konvenut

Qabel dan it-Tribunal jgħaddi sabiex jiddeċiedi fuq it-talba, dan it-Tribunal jinnota illi l-konvenut ġie debitament notifikat bit-talba fl-24 ta' Frar 2022 (a fol. 8) iżda ippreżenta r-risposta tiegħu fil-5 ta' April 2022 (a fol. 8 u 9). B'dan illi għaldaqstant, il-konvenut ma ppreżentax it-talba tiegħu fi żmien tmintax il-jum, hekk skond artikolu 4 tal-leġiżlazzjoni sussidjarja 380.01 u b'dan illi għaldaqstant, il-konvenut seta' jitqies kontumaċi.

Biss pero' dan it-Tribunal jinnota wkoll illi l-elementi neċessarji sabiex jkun hemm kontumaċja ġew stabbiliti mill- Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Costantino Abela vs George Azzopard***i deċiża fit-28 ta' Mejju, 1990 il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi: "*Il-kontumaċja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza*."

F'dan il-każ hu ċar mill-proċess illi l-konvenut deher fl-ewwel seduta hekk wara d-data li ġie innotifikat, u dan skond il-verbal datat 23 ta' Marzu 2022 (a fol. 9) b'dan illi l-kontumaċja allura ma daħlitx fis-seħħ. Inoltre', l-attriċi ma kkontestatx il-kontumaċja o meno tal-konvenut.

Ix-xogħol ta' appalt

Ma hux kontestat bejn l-attriċi u l-konvenut illi l-attriċi kienet qabdet lill-konvenut sabiex jeżegwixxi xi xogħolijiet fid-dar tal-attriċi, u dan skond l-affidavit tal-attriċi li jinsab a fol. 15 sa 17 u anke skond ir-risposta ippreżentata mill-konvenut li tinsab a fol. 9. F'dan il-każ, jidher illi l-konvenut kien imqabbad jeżegwixxi xi xogħolijiet fid-dar tal-attriċi u wkoll jipprovdi l-materjal, u dan skond l-affidavit tal-attriċi li jinsab a bol. 15 sa 17. Tali xogħol hu kkunsidrat bħala xogħol ta' appalt, u dan skond l-Artikolu 1633 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi illi "*Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal*."

Skond l-affidavit tal-istess attriċi, jidher illi l-attriċi waqqfet lill-konvenut milli jkompli bix-xogħol, u dan billi l-attriċi qalet illi "*…tajt istruzzjonijiet lis-Sur Camilleri biex jieqaf u ma jergax jersaq 'l hemm*", u liema parti mill-affidavit tinsab a fol. 16. L-attriċi setgħet tagħmel dan peress illi kienet hi li qabbdet lill-konvenut sabiex jeżegwixxi x-xogħol, u dan skond artikolu 1640 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn liema artikolu jipprovdi illi "*Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda*."

Ġjaladarba ġie stabbilit tali Artikolu, issa jonqos illi t-Tribunal jeżamina is-sub-artikoli 2 u 3 tal-Artikolu 1640. L-attriċi tikkontendi fl-affidavit tagħha li kien ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2022 u li jinsab a fol. 15 sa 17, illi l-konvenut għamel xogħolijiet fuq il-bibien, waħħal il-*backsplash tiles* tal-kċina u xi xogħol ta' komunikazzjoni tad-dawl u ilma. L-attriċi tikkontendi

wkoll illi hi tat flus lill-konvenut anke fir-rigward tal-ħnejjiet tal-injam, *casing* tax-xambrelli, u cover tal-gass.

L-attriċi tikkontendi wkoll illi x-xogħolijiet illi għamel il-konvenut ma kinux tajbin u kellha tqabbad lil terzi.

Fil-każ tax-xogħolijiet fuq il-bibien, l-attriċi ppreżentat ir-ritratti u li jinsabu f'dan ir-rigward a fol. 29 u 30 sabiex tikkontendi illi x-xogħol fuq il-bibien ma kienx sar sew. Biss pero', fil-kontro-eżami tagħha datat 15 ta' Novembru 2022, u liema parti mill-kontro-eżami tinsab a fol. 68 u 68A, l-attriċi qalet is-segwenti:

*"It-Tribunal: Il-bibien ghadhom kif ghamilhomlok Frans jew ghamilx xi haga wara x-xoghol ta' Frans fuqhom?*
*Xhud: Le, hallejthom kif inhuma.*
…
*Dr. David Bonello: Jigifieri l-problema tal-bibien, just biex nikkonferma, kienet init xtaqt li jaghmel coloured varnish skont init, u ghamel varnish iehor, hekk hu?*
*Xhud: Ehe."*

**B'dan illi jidher illi ma hemm xejn ħażin fuq il-bibien ġjaladarba l-attriċi għadha tagħmel użu minnhom. B'dan illi l-bibien jinkludu x-xambrelli u anke pumijiet.**

Fir-rigward tal-*backsplash tiles* tal-kċina, l-attriċi ppreżentat affidavit ta' Gazwan Abdin fl-4 ta' Ottubru 2022, u li jinsab a fol. 58, fejn Gazwan Abdin ikkonferma illi x-xogħol illi kien sar minn persuna qablu fuq it-twaħħil tal-madum tal-kċina (speċifikament il-*backsplash*) kien sar ħażin u kkonferma illi hu kien tħallas l-ammont ta' Eur 500 mill-attriċi għal dan ix-xogħol. Dan it-Tribunal jinnota illi l-attriċi ppreżentat irċevuta fuq isem persuna oħra, li kien bl-isem ta' Wisou Ghazi, u liema irċevuta tinsab a fol. 43. Dan it-Tribunal ma setgħax jifhem kif l-attriċi ppreżentat żewġ verżjonijiet differenti fir-rigward ta' dan il-madum tal-kċina. Biss pero', ġjaladarba ta' Wisou Ghazi hija irċevuta u ta' Gazwan Abdin huwa affidavit, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi għandu jżomm ferm mal-affidavit u mhux mal-irċevuta li ma hiex ikkoroborata b'affidavit jew imqar dikjarazzjoni. Biss pero', dan it-Tribunal innota wkoll illi l-konvenut għażel illi jirrinunzja għall-kontro-eżami ta' Gazwan Abdin, u dan skond il-verbal datat 12 ta' jannar 2023 li jinsab a fol. 71. Inoltre', sabiex jerġa' jsir dan ix-xogħol, l-attriċi reġgħet xtrat il-madum, u ppreżentat irċevuta f'dan ir-rigward fl-ammont ta' Eur 93, u li tinsab a fol. 44.

**B'dan illi jidher illi tali xogħol verament kien ħażin u kellu jerġa' jsir minn terzi persuni.**

Fir-rigward tal-komunikazzjoni tad-dawl u ilma, l-attriċi ppreżentat dikjarazzjoni iffirmata minn terzi mal-affidavit tagħha, u liema dikjarazzjoni tinsab a fol. 41 u 42, u fejn jidher ukoll illi sabiex jerġa' jsir ix-xogħol, l-attriċi nefqet is-somma ta' Eur 125.

**B'dan illi jidher illi x-xogħol tal-komunikazzjoni tad-dawl u ilma kien ħażin u kellu jerġa' jsir minn terzi persuni.**

It-Tribunal jinnota wkoll illi kien hemm affarijiet oħra imsemmija fl-affidavit tal-attriċi imma l-attriċi ma qalitx ċar u tond jekk sofritx xi danni u wisq anqas ġabet prova tal-ispejjeż in konnessjoni mat-tali ħsarat, b'dan illi tali Tribunal ser ikollu jiskarta tali allegati ħsarat.

B'dan illi għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, għandu jkun applikabbli is-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ewwelnett, għalkemm il-Liġi ma tipprovdix definizzjoni ċara ta' raġuni valida, jidher illi meta jsir xogħol illi kellu jerġa' jsir minn terzi, din għandha tkun raġuni valida sabiex min jagħti x-xogħol iwaqqaf l-appalt, u dan anke kif spjegat f'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna, fosthom fis-sentenza ***JOSEPH GAUCI Vs CHARLES u MIRIAM konjugi VELLA***,[1] fejn l-Onorabbli Qorti qieset illi *"Illi meta l-ligi ssemmi "raguni valida" wiehed irid jifhem din il-frażi fid dawl tal-imgiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raguni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas taghha) tieghu taht il-kuntratt tal-appalt.* "

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ħlasijiet illi jridu jsiru mill-attriċi lill-konvenut u *vice versa* huma skond dan l-imsemmi sub-artikolu. Tali sub-artikolu jipprovdi illi *"Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara lijittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra."* Sabiex jiġi determinat dawn l-msemmija ammonti, fis-sentenza hawn fuq imsemmija, l-Onorabbli Qorti qieset ukoll illi *"Illi fil-każ fejn ikun hemm raguni tajba biex l-appalt jinhall, kull hlas li jista' jippretendi l-appaltatur ghandu jitkejjel mal-utilita' li l-appaltant ikun ha tax-xoghol li lahaq sar u kif ukoll mal-hsara li l-appaltant ikun garrab minhabba li kien imgieghel itemm l-appalt."*

B'dan illi għaldaqstant, huwa ċar illi l-attriċi m'għandha tħallas xejn iktar lill-konvenut tax-xogħolijiet imwettaq minnu stess.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut irid jirrifondi lill-attriċi spejjeż illi l-attriċi kellha terġa' tħallas sabiex tirranġa l-ħsarat illi kellha, b'dan illi l-konvenut irid iħallas lill-attriċi is-segwenti ammonti:

1. Eur 100 għall-cover tal-gass u dan *stante* illi l-attriċi qalet fl-affidavit tagħha ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2022 illi *"Il-cover tal-gass li qal li ser jagħmel, ma wasal qatt lanqas, avolja ħallastu tiegħu."* Il-konvenut ma saqsa xejn lill-attriċi f'dan ir-rigward fil-kontro-eżami tagħha li sar fil-15 ta' Novembru 2022, u b'dan illi allura fuq bażi ta' probabbilita', il-verżjoni li tat l-attriċi hi veritiera f'dan il-każ;

2. Eur 593 għax-xogħol li sar fuq il-*backsplash tiles* tal-kċina, fejn l-attriċi ippreżentat kemm affidavit kif ukoll irċevuta f'dan is-sens hekk kif spjegat iktar 'il fuq, u l-konvenut għażel illi ma jġibx lit-terzi persuni sabiex jixhdu in kontro-eżami fuq il-fatti, b'dan illi allura fuq bażi ta' probabbilita', l-attriċi tat il-verżjoni veritiera f'dan il-każ;

[1] 24 ta' Ġunju 2015, Qorti tal-Appell, Ref.: 290/2006/1

3. Eur 125 tal-komunikazzjoni tad-dawl u ilma, fejn l-attriċi ippreżentat dikjarazzjoni minn terzi li reġa' sar dan ix-xogħol, hekk kif spjegat iktar 'il fuq, u l-konvenut għażel illi ma jġibx lit-terza persuna sabiex tixhed in kontro-eżami fuq il-fatti, b'dan illi allura fuq bażi ta' probabbilita', l-attriċi tat il-verżjoni veritiera f'dan il-każ.

**<u>B'dan illi t-total ta' spejjeż illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi huwa dak ta' tmien mija u tmintax-il Ewro (Eur 818).</u>**

F'dan id-dawl, dan it-Tribunal iqis illi il-kelma danni hekk kif inhi mniżżla fis-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 1640 tirreferi għall-ispejjeż illi wieħed seta' nefaq, u dan ukoll għaliex l-Onorabbli Qorti fis-sentenza hawn fuq imsemmija, tirreferi wkoll għall-kelma ħsara. F'dan il-każ, l-attriċi ipprovdit kopja tal-ispejjeż hawn fuq imsemmija.

<u>Imgħax</u>

B'dan illi pero', l-attriċi qiegħda wkoll titlob l-imgħax fuq l-imsemmi ammont. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, ma jidhirx illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali, u dan għaliex ma giex ippruvat illi l-konvenut hu kummerjant jew tali xogħolijiet huma ta' natura kummerċjali, hekk skond il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 1141 hawn fuq imsemmi, u liema artikolu jipprovdi illi "*F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*"

F'dan il-każ, l-attriċi ippreżentat kopja tal-itta uffiċjali illi hi bagħtet lill-konvenut, u liema kopja tinsab a fol. 51. Din l-ittra uffiċjali hi datata 16 ta' Ġunju 2021.Tali ittra tirreferi għal ammont għola minn dak illi l-konvenut huwa dovut illi jħallas lill-attriċi iżda l-ammont illi dan it-Tribunal huwa konvint illi huwa dovut mill-konvenut lill-attriċi beda jiddekorri minn meta ġie mitlub sabiex iħallas.

Inoltre', filwaqt illi dan it-Tribunal jinnota illi l-attriċi ma ppreżentatx kopja uffiċjali tal-Qorti bin-numru rispettiv fuqha, il-konvenut anqas qajjem mistoqsijiet dwar l-awtentiċita' o meno tal-imsemmija ittra. B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal hu konvint illi tali ittra kienet verament ippreżentata fil-Qorti u mibgħuta lill-konvenut, u b'dan ukoll illi għaldaqstant, l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) beda jiddekorri mis-16 ta' Ġunju 2021.

L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-attriċi għall-ammont ta' tmien mija u wieħed u tmenin Ewro (Eur 818) bl-imgħax li beda jiddekorri mis-16 ta' Ġunju 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma a kariku tal-konvenut, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur